# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 558/2019 MS*

**Ballut Blocks Services Limited**

**Vs.**

**Jonathan Sant, u b'digriet tal-4 ta' Diċembru 2019**
**ġiet imsejħa fil-kawża s-soċjetà PSS Holdings Limited**

Illum, 30 ta' Settembru, 2024

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fil-5 ta' Ġunju, 2019, li permezz tiegħu wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont ta' mija u erbgħa u tletin elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€134,468.47) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi, fuq kont kurrent li għandu mas-soċjetà attriċi marbut ma' diversi fornituri ta' materjali tal-bini, inkluż *bricks*, *concrete*, *sand & spalls, rheomix*, *lintels*, *sika* u oħrajn, mibjugħa u kkonsenjati lilu, bl-ingrossa, mis-soċjetà attriċi, rappreżentanti wkoll kumpens dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi għal servizzi relatati ta' ġarr reżi lilu mis-soċjetà attriċi, kif ukoll rappreżentanti kumpens dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi għal kiri lilu mis-soċjetà attriċi ta' *cranes*, *concrete pumps* u ta' makkinarju ieħor, liema servizzi huma lkoll marbuta mal-istess kont kurrent li l-konvenut għandu mas-soċjetà attriċi, u dan fuq inkarigu tal-konvenut stess, skont ma jirriżulta mill-i*statement* hawn anness (Dok. '**BBS 1**'), mill-fatturi relattivi hawn annessi komplessivament (Dok. '**BBS 2**') u mid-*delivery notes* relattivi hawn annessi komplessivament (Dok. '**BBS 3**');

Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-soċjetà attriċi, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ billi, fil-fehma ta' l-istess soċjetà attriċi, il-konvenut ma għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont.

Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat ripetutament sabiex iħallas l-imsemmi ammont huwa baqà inadempjenti u ma ħallasx.

Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża

għaddiet l-istess soċjetà attriċi sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, titlob lil din il-Qorti:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut li jħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' mija u erbgħa u tletin elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€134,468.47)

rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi, fuq kont kurrent li għandu mas-soċjetà attriċi marbut ma' diversi fornituri ta' materjali tal-bini, inkluż *bricks*, *concrete*, *sand & spalls, rheomix*, *lintels*, *sika* u oħrajn, mibjugħa u kkonsenjati lilu, bl-ingrossa, mis-soċjetà attriċi, rappreżentanti wkoll kumpens dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi għal servizzi relatati ta' ġarr reżi lilu mis-soċjetà attriċi, kif ukoll rappreżentanti kumpens dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi għal kiri lilu mis-soċjetà attriċi ta' *cranes*, *concrete pumps* u ta' makkinarju ieħor, liema servizzi huma lkoll marbuta mal-istess kont kurrent li l-konvenut għandu mas-soċjetà attriċi, u dan fuq inkarigu tal-konvenut stess, skont ma jirriżulta mill-i*statement* hawn anness (Dok. 'BBS 1'), mill-fatturi relattivi hawn annessi komplessivament (Dok. 'BBS 2') u mid-*delivery notes* relattivi hawn annessi komplessivament (Dok. 'BBS 3');

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1310/2019 datata 5 ta' April 2019 (Dok. 'BBS 4') oltre l-imgħax legali mill-31 ta' Mejju 2017 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenut fit-30 t'Ottubru 2019[1], li biha huwa eċċepixxa:

1.Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dana peress illi kien hemm arrangement illi d-diversi ordinazzjonijiet kellu jhallas ghalihom George Portelli ta' PSS Holdings Limited (C-36359) li assuma fuqu d-dejn ta' l-esponent bl-accettazzjoni tas-socjeta' attrici. Jsegwi illi s-somma mitluba fir-Rikors Guramentat mhijiex dovuta mill-eccipjient izda hija dovuta mis-socjeta' PSS Holdings Limited.

2. Illi l-esponent qed jitlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' PPS Holdings Limited u kontestwalment qed jipprezenta r-Rikors opportun.

3. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess jehtieg li ssir verifika dwar il-kubagg ta' konkos konsenjat peress li ma hemmx qbil dwar il-kwantita' ta' konkos effettivament konsenjata, u b'hekk l-ammont reklamat mis-

[1] Ara fol.97.

> socjeta' attrici ghandu jigi ridott biex jikkorrispondi ghal konsenjat.
>
> 4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

3. Rat id-dikriet mogħti fl-4 ta' Diċembru 2019[2], li bih ġiet imsejħa fil-kawża s-soċjetà PSS Holdings Limited;

4. Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamata fil-kawża[3], li biha ġie eċċepiet:

> 1. Illi fis-seduta tal-4 ta' Diċembru tas-sena 2019, fuq talba tal-konvenut li ma ġietx opposta mis-soċjetà attriċi, is-soċjetà esponenti PSS Holdings Limited ġiet imsejħa fil-kawża.
>
> 2. Illi jiġi rilevat li s-soċjetà esponenti, issa kjamata, ma kelliex tiġi msejħa f'dawn il-proċeduri stante li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-konvenut Jonathan Sant, wisq anqas mal-pretenzjonijiet, mertu ta' din il-kawża, illi tressqu mis-soċjetà attriċi fil-konfront tiegħu;
>
> 3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà kjamata in kawża m'għandha l-ebda dejn mas-soċjetà attriċi u qatt m'assumiet l-ebda debitu ai termini tal-Liġi, hekk kif ser jiġi muri waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża de quo;
>
> 4. Illi għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom, in kwantu fil-konfront tas-soċjetà kjamata in kawża, jiġu miċħuda fl-intier tagħhom u dan għas-spejjeż tal-konvenut Jonathan Sant;
>
> 5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-Liġi.

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensur tal-kjamata fil-kawża;

7. Rat li l-kawża tħalliet għal-lum sabiex tiġi deċiża;

[2] Ara fol.105.
[3] Ara fol.115.

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' kreditu li l-attriċi tgħid huwa dovut lilha mill-konvenut fuq kont kurrenti li huwa għandu magħha b'rabta ma' diversi fornituri ta' materjali tal-bini, mibjugħa u konsenjati lilu bl-ingrossa.

9. Mill-atti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar il-konsistenza tal-kreditu pretiż mill-attriċi. Din ġiet ippruvata permezz tad-dokumenti mehmuża mar-rikors ġuramentat li bih inbdiet il-kawża, kif ikkonfermati bix-xiehda ta' Paul Vella, direttur tal-attriċi[4]. Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija dwar min huwa obbligat li jħallas dan il-kreditu.

10. Il-provvisti tal-materjal tal-bini in kwistjoni saru fuq il-kont li l-konvenut kellu mal-attriċi[5]. L-ammont kumpessiv tal-kreditu, ammontanti għal mija erbgħa u tletin elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€134,468.47), huwa fil-fatt konsistenti minn diversi provvisti ta' materjal, li lkoll ġew fatturati f'isem il-konvenut[6], u f'ismu wkoll saru n-noti ta' kunsinna tal-materjal[7]. F'numru minn dawn in-noti ta' kunsinna, jissemma l-isem "George Portelli" flimkien ma' isem il-konvenut[8]. Dawn in-noti ta' kunsinna ġew ikkonfermati mid-diversi mpjegati tal-attriċi[9]. Ġie wkoll spjegat li l-indikazzjoni tal-isem "George Portelli" kien isir għaliex il-konvenut kien jgħid lill-attriċi li x-xogħol kien għalih[10], għalkemm kien hemm xi okkażjonijiet fejn Portelli għamel xi ordnijiet hu direttament mal-attriċi, għalkemm kienu dwar "xi ħaġa żgħira"[11], li aktarx kien fuq xogħol ieħor separat bla ebda konnessjoni mal-konvenut[12].

11. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut kien ġie mqabbad jaħdem fuq proġett jew proġetti ta' żvilupp tal-kjamata fil-kawża, iżda mhux minnha direttament. Il-kjamata

---

[4] Ara fol.86.
[5] Ara r-rendikont eżebit a fol.6.
[6] Ara l-fatturi eżebiti minn fol.7 sa 19.
[7] Ara minn fol.20 sa 82.
[8] Ara fol.23, a tergo ta' fol.24, a tergo ta' fol.25, a tergo ta' fol.26, fol.27, a tergo ta' fol.27, fol.28 u fol.79, fost oħrajn. F'dawn in-noti, l-isem "George Portelli" jew "G.Portelli" huwa ndikat minflok l-indirizz jew flimkien mal-indirizz fejn saret il-kunsinna. Fl-istadju tal-provi ġie spjegat li din l-indikazzjoni kienet proprju ssir bħala spjegazzjoni għax-xufiera dwar il-lok tal-kunsinna (ara, per eżempju, fol.305).
[9] Ara l-affidavits kollha eżebiti minn fol.119 sa 201, u minn fol.203 sa 290.
[10] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Robert Vella, a fol.298.
[11] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Robert Vella, a fol.299.
[12] Ara x-xiehda in ri-eżami ta' Pawlu Vella, a fol.304.

fil-kawża nkarigat kuntrattur ieħor, u jidher li l-konvenut ġie nkarigat minn dak il-kuntrattur[13].

12. Ġie spjegat li l-kont li l-konvenut kellu mal-attriċi kien infetaħ b'nota ta' kreditu ta' €10,000 versu l-kjamata fil-kawża. Jidher li l-konvenut kellu jieħu din is-somma mingħand il-kjamata fil-kawża[14], u tħallas billi ingħata dan il-kreditu għand l-attriċi, billi l-attriċi kienet u għad għandha tagħti flus lill-kjamata fil-kawża fuq negozju ieħor[15]. Dan l-ammont ġie eventwalment utilizzat mill-konvenut bl-ordnijiet li huwa għamel għand l-attriċi, u fil-fatt l-ordnijiet tiegħu marru lil'hinn minn dik is-somma, sakemm telgħu għall-ammont li l-attriċi qed tippretendi b'din il-kawża[16]. L-attriċi tgħid li l-uniku komunikazzjoni li kellha mal-kjamata fil-kawża kienet fis-sens li din wiegħdet li jekk ikollha tħallas xi flus lill-konvenut, tgħaddihom lill-attriċi bħala ħlas ta' dak dovut lilha mill-istess konvenut[17]. Fl-ebda waqt ma ntqal mid-direttur tal-attriċi li l-kjamata fil-kawża assumiet id-dejn hi[18].

13. Fix-xiehda tiegħu, George Portelli spjega li l-kliem tiegħu ma' Pawlu Vella, d-direttur tal-attriċi, kien dejjem fis-sens li huwa kien lest li kull ammont li hu, jew aħjar il-kjamata fil-kawża, kienet fl-obbligu li tħallas lill-konvenut għal xogħlijiet eżegwiti minnu, seta' jingħata lill-attriċi bħala kreditur tal-konvenut. Portelli però jgħid li l-attriċi qatt ma nnotifikat lill-kjamata fil-kawża bħala sekwestratarja permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Ġara però li kreditur ieħor tal-konvenut Sant, u ċjoè s-soċjetà Tal-Magħtab Construction Limited, kienet kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut Sant, u ċċitat lill-kjamata fil-kawża bħala sekwestratarja, u b'hekk il-flus dovuti minnha lill-konvenut ġew depożitati fil-Qorti[19].

14. Fil-5 t'April 2019, l-attriċi nterpellat lill-konvenut għall-ħlas bl-ittra uffiċċjali bin-numru 1310/2019[20]. Peress li l-konvenut baqa' ma ħallasx, saret din il-kawża.

---

[13] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' George Portelli, a fol.340.
[14] Ara wkoll ix-xiehda in kontro-eżami ta' George Portelli, a fol.340.
[15] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Pawlu Vella, a fol.320.
[16] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Pawlu Vella, a fol.202.
[17] Ara wkoll ix-xiehda in kontro-eżami ta' Pawlu Vella, a fol.321.
[18] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Pawlu Vella, a fol.304.
[19] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' George Portelli, a fol.325.
[20] Kopja legali eżebita a fol.84.

Ikkunsidrat:

15. Illi fir-risposta ġuramentata tiegħu, il-konvenut isostni li bejn il-kontendenti kien hemm «arranġament» fis-sens li l-ordnijiet tiegħu mal-attriċi kellhom jitħallsu minn George Portelli ta' PSS Holdings Limited, billi dan assuma fuqu d-dejn bl-aċċettazzjoni tal-attriċi.

16. B'din l-eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut isostni li seħħet novazzjoni *ex parte debitoris*, b'mod li huwa ma baqax debitur tal-attriċi, u minfloku daħlet il-kjamata fil-kawża.

17. Huwa miżmum fid-duttrina legali li: «*La novazione consiste nella sostituzione di un'obbligazione ad un'altra. Essa presuppone che l'estinzione di un debito sia la conseguenza di un nuovo impegno*»[21]. Jgħid ukoll ***Laurent***[22], «*La novazione, dice Pothier, è la sostituzione di un nuovo debito all'antico. Questo viene estinto dal* nuovo *ch'è contratto in suo luogo: donde il nome di* novazione. *La novazione è dunque un modo di estinguere le obbligazioni; differisce dal pagamento in quanto non estingue un debito che per sostituirgliene un altro*». Id-duttrina legali hija prevalentement favur il-pożizzjoni li sabiex tirriżulta novazzjoni, iridu jirriżultaw erba' elementi. ***Giorgi***[23] jelenkahom kif isegwi: «*Or bene, gli elementi essenziali della novazione sono i seguenti: una obbligazione precedente; una obbligazione successiva, che differisca dalla prima in un modo da non potersi ritenersi per una modificazione della medesima; la capacità delle parti contraenti interessate; l'*animus novandi*, ossia la loro volontà e l'accordo di estinguere la antica obbligazione*».

18. Fid-dottrina ċivili kontinentali, issir ukoll distinzjoni bejn tliet tipi ta' novazzjoni[24]. Teżisti n-novazzjoni *obbjettiva*, li sseħħ meta d-debitur jikkuntratta mal-kreditur tiegħu dejn ġdid li jiġi sostitwit għad-dejn l-antik. Din il-forma ta' novazzjoni hija kkontemplata mill-Kodiċi tagħna fl-artikolu 1179(a). Il-liġi tagħna tammetti wkoll in-novazzjoni *subbjettiva* bis-saħħa tal-artikolu 1179(b), u ċioè fejn debitur ġdid jiġi sostitwit flok id-debitur l-antik, li b'konsegwenza jinħeles mill-kreditur. Fl-aħħar nett,

[21] ***Baudry Lacantinerie***, Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.XVII, §1689.
[22] Principii di Diritto Civile, Vol.XVIII, §242.
[23] Teoria delle Obbligazioni, Vol.VII, §343.
[24] Ara ***Laurent***, loc cit.

teżisti wkoll in-novazzjoni *suġġettiva*, li tiġri meta kreditur ġdid jiġi sostitwit għall-kreditur l-antik, u fejn allura d-debitur jiġi meħlus mill-kreditur l-antik. Din il-forma ta' novazzjoni hija wkoll imħaddna mill-Kodiċi tagħna, kif jirriżulta mill-artikolu 1179(ċ).

19. Il-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom diversi drabi dwar l-istitut tan-novazzjoni. Ġie fil-fatt ribadit illi, «*In-novazzjoni hu ftehim li permezz tiegħu l-partijiet jiddeterminaw l-effett estintiv-kostituttiv intervenut fuq ir-rapport li jew għadu ma ġiex attwat jew mhux għal kollox attwat. Ċertament il-modifika ta' l-oġġett tal-kuntratt jintegra n-novazzjoni meta din tagħti lok għall-obbligazzjoni ġdida nkompatibbli ma' l-obbligazzjoni oriġinarja. F' każ bħal dan wieħed ikollu jeżamina jekk il-partijiet riedux sempliċement modifikazzjoni tar-rapport li jibqa' immutat fl-identita` tiegħu jew riedux joħolqu rapport ġdid. Dan anke għaliex kif jingħad fis-subinċiż (1) ta' l-Artikolu 1181, Kodiċi Ċivili, "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tiġix maqtula għalkemm tiġi mbiddla". L-animus novandi, intiż bħala volonta` esternata mill-partijiet, oltre li jrid ikun komuni għaż-żewġ kontraenti u hekk rappreżentanti dik il-volonta` li l-obbligazzjoni preċedenti tiġi estinta, irid jirriżulta b' mod inekwivoku u konkretament provat mill-fatti konkludenti. Għalkemm in-novazzjoni tista' tirriżulta mingħajr l-użu ta' formoli jew kliem speċjali, madanakollu n-novazzjoni qatt ma tista' tiġi preżunta u hija meħtieġa li tkun espressa u trid tirriżulta kjarament. Intqal ukoll illi "biex ikun hemm novazzjoni hemm bżonn li jkun hemm l-inkompatibilita` ta' l-eżistenza taż-żewġ obbligazzjonijiet, u f' każ ta' dubju, in-novazzjoni għandha tiġi eskluża"*»[25].

20. Meta n-novazzjoni prospettata allura tkun tikkontempla kambjament fil-persuna tad-debitur, jingħad li din in-novazzjoni: «*... è quella che si fa coll'intervento di un nuovo debitore, quando cioè alcuno si rende debitore in mia vece verso il mio creditore, e mi libera in conseguenza dalla mia obbligazione. Quello che in tal maniera si rende debitore per un altro che in conseguenza viene liberato, dicesi in diritto expromissor, e questa specie di novazione in diritto chiamasi expromissio. Questo cosi detto expromissor è ben diverso dal fideiussore che in diritto chiamasi adpromissor; perchè quello che si rende fidejussore per un altro non lo libera dalla sua obbligazione, ma vi aderisce soltanto, e si rende debitore unitamente con esse*»[26].

---

[25] ***Joanna Briffa vs. Bernard Gauci***, Appell Inferjuri, 22/06/2005. Ara wkoll fl-istess sens ***Francis Paris et vs. Maltacom plc***, Prim'Awla, 07/10/2004.
[26] ***Pothier***, Trattato delle Obbligazioni, Vol.III, §548.

21. Kif diġà ssemma, wieħed mill-elementi biex tirriżulta n-novazzjoni hija appuntu l-*animus novandi*, li fil-kuntest ta' *expromissio* tista' tiġi mfissra bħala l-intenzjoni tal-partijiet li joqtlu d-debitu l-qadim u li jinħeles id-debitur l-antik, bis-saħħa ta' obbligazzjoni ġdida u debitur ġdid. Il-liġi tipprovdi s-segwenti rekwiżiti għal dan l-element:

    (i) l-intenzjoni għandha tidher biċ-ċar u ma tistax tiġi preżunta[27];
    (ii) l-intenzjoni għandha tkun li l-obbligazzjoni l-qadima tiġi maqtula, u mhux li tinbidel biss[28];
    (iii) biex id-delegazzjoni ta' debitur ġdid mid-debitur qadim tiswa bħala *expromissio*, il-kreditur irid ikun iddikjara espressament il-volontà tiegħu li jeħles lid-debitur il-qadim[29].

22. Illi l-ġurisprudenza stabbiliet illi l-*animus novandi*, għalkemm jista' jkun taċitu u mhux neċessarjament espress, irid ikun ċar u univoku[30]. Ġie wkoll ritenut illi din l-intenzjoni tirriżulta hekk ċara fejn l-eżistenza tal-obbligazzjoni l-ġdida tkun inkompatibbli mal-eżistenza tal-obbligazzjoni l-qadima[31]. «*La novazione, come dicemmo, presuppone essenzialmente da parte del creditore che vi consente, una rinuncia al suo credito ... È, a questo fine, necessario che le parti esprimano formalmente l'intenzione di novare, o che la nuova obbligazione sia incompatibile coll'antica*»[32]. Huwa paċifiku li din l-intenzjoni m'hijiex meħtieġa li tiġi espressa f'termini formali jew addirittura ritwali. Li kieku kien hekk, ma kinitx tkun aċċettata l-possibilità ta' novazzjoni taċita fil-ġurisprudenza tagħna[33]. L-intenzjoni novattiva tista' tiġi deżunta sal-grad suffiċjenti mill-assjem tar-riżultanzi fattwali, u dan mingħajr il-ħtieġa li din l-intenzjoni tiġi ddikjarata b'mod formali jew ritwali. «*Ma come riconosceremo l'animus novandi? Saranno a tal uopo necessarie espressioni rigorose? No: vale qui pure la regola precedente, sancita dall'articolo 1269. La novazione non si presume, e deve risultare*

[27] Artikolu 1180(2) tal-Kodiċi Ċivili.
[28] Artikolu 1181(1) tal-Kodiċi Ċivili.
[29] Artikolu 1183 tal-Kodiċi Ċivili.
[30] ***Vincent Buhagiar noe vs. Dr. Noel Arrigo et noe et noe*** (Prim'Awla, 9/10/2003).
[31] ***Nazzareno Catania vs. Michael Degiorgio et*** (Prim'Awla, 21/2/1958 – Kollezz. Vol.XLII.ii.928); ***Francesco Attard vs. Andrea Brincat et*** (Appell Superjuri, 12/6/1953 – Kollezz. Vol.XXXVII.i.499).
[32] ***Baudry Lacantinerie***, op cit, §1731.
[33] Ara b'żieda mal-ġurisprudenza ġjà ċitata, ***Francis Paris et vs. Maltacom plc*** (Prim'Awla, 7/10/2004).

*chiaramente da ciò che le parti hanno fatto; ma la legge non richiede, che la volontà sia dichiarata in modo esplicito; e quando i tribunali riconoscono, come abbiamo detto poco sopra, che tra il fatto delle parti e la volontà di mantenere la primitiva obbligazione vi sia assoluta contradizione, la novazione tacita è una conseguenza necessaria di cosiffatto giudizio*»[34].

23. Issa minn eżami tal-provi prodotti f'din il-kawża, ma jirriżulta assolutament bl-ebda mod li l-attriċi b'xi mod intrabtet jew tat il-kunsens tagħha għall-ħelsien tal-konvenut mid-dejn. Lanqas ma rriżulta mqar remotement li kien hemm xi ftehim li permezz tiegħu il-kjamata fil-kawża kellha tieħu post il-konvenut bħala debitur tal-attriċi.

24. Huwa biss ovvju li l-konvenut għalhekk ma nħelisx mid-dejn tiegħu versu l-attriċi.

25. Biss għall-kompletezza, il-Qorti sejra teżamina wkoll jekk, fl-assenza ta' *expromissio*, jirriżultawx minflok l-estremi tal-*adpromissio*. Jingħad *adpromissio* jew *accollo* (kif imsejħa fil-lingwaġġ ġuridiku Taljan) fejn jiżdied debitur ieħor mad-debitur ġjà preżenti[35]. «*Quando l'accollo è semplice, può bene essere concluso senza il consenso del creditore, ma non libera il debitore originario, il quale continua a rimanere obbligato in faccia allo stesso creditore nello stesso modo, in cui trovavasi vincolato prima dell'accollo*»[36]. Fi kliem il-Qorti tal-Appell «*Atteso che l'assunzione del debito per parte di un terzo è una figura giuridica diversa dalla fidejussione, poichè chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussore; ed è anche diversa dalla novazione poichè essa non importa necessariamente la liberazione del debitore*»[37]. Għalhekk l-*adpromissio* tirriżulta meta mal-obbligazzjoni oriġinali tiżdied ukoll obbligazzjoni ġdida ta' terz[38].

26. Eżaminati l-provi anki minn din l-ottika, għandu jirriżulta manifest li lanqas ma jista' jingħad li l-kjamata fil-kawża b'xi mod intrabtet favur l-attriċi li tħallas id-dejn tal-konvenut. Id-diskors li sar bejn id-diretturi rispettivi tal-attriċi u tal-kjamata fil-kawża fis-sens li din tal-aħħar kienet lesta li – kemm-il darba jkollha tagħti lill-konvenut –

[34] ***Giorgi***, op cit, §373.
[35] Ara per eżempju d-deċiżjoni ***Idea Casa Company Limited vs. Allan Magro et*** (Appell Superjuri, 20/7/2020).
[36] ***Giorgi***, Teoria delle Obbligazioni, Vol.VI, §47.
[37] ***Giovanni Bartolo vs. Giorgio Vigo*** (7/6/1929)– Kollezz. Vol.XXVII.i.817.
[38] ***Francesco Attard vs. Andrea Brincat et*** (Appell Superjuri, 12/6/1953 – Kollezz. Vol.XXXVII.i.499).

minflok tħallas lill-attriċi prevja l-ispedizzjoni ta' sekwestru mill-Qorti, bl-ebda mod ma jistgħu jiġu miftehma jew interpretati bħala assunzjoni tal-obbligu tal-ħlas kif eċċepit mill-konvenut. Il-Qorti lanqas ma tara, fil-fatt li l-kjamata fil-kawża assenjat kreditu tagħha kontra l-attriċi lill-konvenut biex dan beda r-relazzjoni tiegħu mal-attriċi, bħala xi fatt li minnu jiskaturixxi l-obbligu tal-kjamata fil-kawża biex din tħallas id-dejn tal-konvenut. Anzi, l-fatt li l-konvenut ingħata biss kreditu ta' €10,000 ifisser proprju li r-responsabbilità tal-kjamata fil-kawża kienet espressament ċirkoskritta għal dik is-somma, u mhux għall-ammont verjuri li l-konvenut spiċċa biex ordna mingħand l-attriċi.

27. Din il-fehma tal-Qorti hija wkoll ulterjorment fortifikata mill-fatt li, wara kollox, l-attriċi tagħraf u tirrikonoxxi li huwa l-konvenut li għandu jħallasha u li bejnha u bejn il-kjamata fil-kawża m'hemm ebda rapport obbligatorju fir-rigward tal-kreditu meritu tal-kawża. Kemm hu hekk, l-attriċi dejjem ħadet azzjoni kontra l-konvenut waħdu, u qatt ma rrivolġiet il-pretensjonijiet tagħha lejn il-kjamata fil-kawża.

28. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti jidhrilha li huwa l-konvenut biss li għandu jwieġeb għall-kreditu tal-attriċi.

29. Dwar l-aħħar eċċezzjoni tal-konvenut, li tirrigwarda l-kwalità tal-materjal kunsinnat lilu mill-attriċi, l-Qorti jidhrilha li l-konvenut bl-ebda mod ma prova l-allegazzjoni tiegħu. L-uniku prova ta' lment li huwa ressaq kien permezz ta' kopja ta' ittra legali datata 7 ta' Settembru 2019[39], li jirriżulta li ntbagħtet żmien sewwa wara li l-kunsinni kollha ta' materjal meritu tal-kawża kienu ġew magħmula.

30. Għalhekk din l-eċċezzjoni wkoll qed titqies kompletament bla bażi.

31. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;

[39] A fol.307.

(ii) tilqa' t-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-kjamata fil-kawża, u għalhekk teħles lill-kjamata fil-kawża mit-talbiet tal-attriċi;

(iii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tal-attriċi billi din ġiet sorvolata;

(iv) tilqa' t-tieni talba attriċi kif dedotta biss fil-konfront tal-konvenut, bl-imgħax legali mill-31 ta' Mejju 2017 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(v) tikkundanna lill-konvenut iħallas waħdu l-ispejjeż kollha tal-kawża kif ukoll tal-ittra uffiċċjali bin-numru 1310/2019.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur